DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/264

tat-18 ta' Jannar 2023

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti ta' kuntratti għall-attività relatata ma' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta fl-Italja

(notifikata bid-dokument C(2023) 331)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

1. FATTI

(1) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi.

(2) Fid-19 ta' April 2022, ir-Repubblika Taljana ("l-applikant") ressqet talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-talba"), f'isem Poste Italiane S.p.A. It-talba tikkonforma mar-rekwiżiti formali stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 ([2]) u fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(3) It-talba tikkonċerna ċerti servizzi għajr is-servizzi postali, b'mod partikolari, is-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri. Is-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri huma parti mis-servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta, li huma servizzi li jsiru kemm qabel kif ukoll wara d-dispaċċ. Is-servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta jinkludu servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri li hija l-attività li tikkostitwixxi s-suġġett ta' din it-talba. Poste Italiane S.p.A. hija fornitur ta' servizzi postali fl-Italja u entità kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/25/UE. Poste Italiane S.p.A. hija l-unika entità kontraenti fl-Italja li tipprovdi servizzi postali skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/25/UE. Postel S.p.A., li hija sussidjarja sħiħa ta' Poste Italiane S.p.A., twettaq l-attività li tikkostitwixxi s-suġġett ta' din it-talba.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

(4) It-talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni motivata u sostanzjata adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attività kkonċernata, li tanalizza bir-reqqa l-kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attività kkonċernata, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu. F'konformità mal-punt 1(b), it-tieni paragrafu, tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, peress li l-aċċess liberu għas-suq ma jistax jiġi preżunt abbażi tal-Artikolu 34(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni trid tadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar it-talba fi żmien 145 jum ta' xogħol.

2. **QAFAS ĠURIDIKU**

(5) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta msemmija fl-Artikolu 13(2), il-punt (c)(i), ta' dik id-Direttiva u skont it-tifsira ta' servizzi oħrajn għajr is-servizzi postali msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (b), ta' dik id-Direttiva, bil-kundizzjoni li tali servizzi jiġu pprovduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2), il-punt (b), ta' dik id-Direttiva u diment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(1) ta' dik id-Direttiva ma jkunux issodisfati fir-rigward ta' dawk is-servizzi.

(6) Skont l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, kuntratti maħsuba sabiex jippermettu t-twettiq ta' attività li għaliha tapplika d-Direttiva ma għandhomx ikunu soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq l-attività, l-attività tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett.

(7) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jrid jiġi vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat. Madankollu, din il-valutazzjoni hija limitata mill-iskadenzi qosra applikabbli u mill-ħtieġa li wieħed jibbaża fuq l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni toriġina – jew minn sorsi diġà disponibbli jew mill-informazzjoni miksuba fil-kuntest tat-talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE u ma tistax tiġi ssupplimentata minn metodi li jieħdu aktar ħin, inkluż, b'mod partikolari, investigazzjonijiet pubbliċi indirizzati lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

(8) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni f'suq partikolari jenħtieġ li jiġi evalwat abbażi ta' diversi kriterji, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa deċiżiv minnu nnifsu.

(9) Sabiex jiġi vvalutat jekk l-operaturi rilevanti humiex soġġetti għall-kompetizzjoni diretta fis-swieq ikkonċernati minn din id-deċiżjoni, jenħtieġ li jitqies kemm is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin kif ukoll il-grad ta' konċentrazzjoni ta' dawk is-swieq.

3. **VALUTAZZJONI**

(10) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attività kkonċernata mit-talba, fis-swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, hijiex esposta għal livell ta' kompetizzjoni li jiżgura li, anke fin-nuqqas tad-dixxiplina tal-akkwist miġjuba mir-regoli dettaljati dwar l-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attività kkonċernat isir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji li jippermettu lill-akkwirenti jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

(11) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali minn April 2022 u fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikant, mill-awtoritajiet tal-Italja u fuq l-informazzjoni li hija disponibbli pubblikament. Din tista' tiġi riveduta, jekk bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jintlaħqu.

3.1. **Aċċess mhux ristrett għas-suq**

(12) L-aċċess għal suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-atti legali rilevanti tal-Unjoni li jiftħu settur partikolari jew parti minnu. Dawk l-atti legali huma elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE. L-attività, li hija soġġetta għal din it-talba, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li huwa elenkat fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, peress li l-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta, inklużi servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri, jikkonċerna servizzi għajr is-servizzi postali. Is-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri jikkonċernaw attivitajiet li huma distinti b'mod ċar mill-elementi tal-katina tal-valur postali (approvazzjoni, separazzjoni, trasport, konsenja) u filwaqt li jistgħu jiġu pprovduti mill-forniturі tas-servizzi postali, ma hemm l-ebda rabta intrinsika li tirriżerva jew li tiffavorixxi direttament lill-forniturі tas-servizzi postali fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

(13) Meta l-aċċess liberu għal suq partikolari ma jkunx jista' jiġi preżunt abbażi tal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni xierqa tal-Unjoni, irid jintwera li l-aċċess għas-suq inkwistjoni huwa ħieles *de jure* u *de facto* f'konformità mal-Artikolu 34(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/25/UE. Konsegwentement, l-applikant irid juri li l-aċċess għas-suq għall-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta huwa ħieles *de jure* u *de facto*.

(14) Fir-rigward tal-aċċess ħieles *de jure* għas-suq tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri u abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, ma hemm l-ebda ostaklu regolatorju li jipprevjeni l-aċċess għal dak is-suq. Sal-2020, il-forniturі ta' dawk is-servizzi kellhom japplikaw għall-akkreditazzjoni bħala korpi ta' ċertifikazzjoni fl-Aġenzija għall-Italja Diġitali (AgID) ([4]). Wara l-aħħar reviżjoni tal-Kodiċi tal-Amministrazzjoni Diġitali, tali akkreditazzjoni ma għadhiex meħtieġa ([5]). Għalhekk, il-forniturі ma għandhomx għalfejn japplikaw għal awtorizzazzjoni minn qabel għat-twettiq tas-servizzi kkonċernati ([6]).

(15) Fir-rigward tal-aċċess liberu *de facto* għas-suq tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri, il-Kummissjoni tinnota li s-suq huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni sinifikanti. Skont l-informazzjoni pprovduta u sottomessa mill-applikant, hemm grad għoli ta' frammentazzjoni, b'madwar 700 operatur, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu sehem mis-suq ta' aktar minn 4 % u li joffru firxa wiesgħa ta' prodotti li huma sostitwibbli ħafna ([7]). Barra minn hekk, fir-rigward tad-diversi fatturi li jinfluwenzaw l-aċċess għas-suq rilevanti, il-Kummissjoni tinnota li ma hemm l-ebda standard tekniku jew ostaklu teknoloġiku ieħor għall-aċċess għas-suq ([8]). Is-suq huwa kkaratterizzat l-aktar minn operaturi li jispeċjalizzaw f'teknoloġiji jew proċessi partikolari ([9]). In-nuqqas ta' ostakli sostanzjali għad-dħul huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li l-kumpaniji b'sehem mis-suq ta' inqas minn 2 % ilhom joperaw fis-suq għal snin sħaħ u huma kapaċi jibqgħu fis-suq u jkunu kompetittivi ([10]).

(16) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-aċċess għas-suq tas-servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta jenħtieġ li jitqies ħieles *de jure* u *de facto* f'konformità mal-Artikolu 34(3), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2014/25/UE.

([3]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

([4]) Il-Kodiċi tal-Amministrazzjoni Diġitali ġie approvat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 82/2005, il-Gazzetta Uffiċjali, Nru 112-S.O. Nru 93 tas-16 ta' Mejju 2005.

([5]) Abbażi tad-Digriet Amministrattiv Nru 76 tas-16 ta' Lulju 2020, ikkonvertit fil-Liġi Nru 120 tal-11 ta' Settembru 2020.

([6]) Biss jekk tali servizz jiġi offrut lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, ikun meħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' kwalità, sikurezza u organizzazzjoni u l-kriterji ta' konservazzjoni stabbiliti fil-linji gwida "dwar it-taħriġ, il-ġestjoni u l-ħżin ta' dokumenti tal-kompjuter" u "r-Regolament dwar il-kriterji għall-forniment ta' servizzi ta' żamma ta' dokumenti tal-kompjuter". AgID hija l-awtorità kompetenti fl-Italja għall-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

([7]) It-talba, il-punt 3.1.2.

([8]) It-talba, il-punt 5.3.3.

([9]) It-talba, il-punt 5.3.3.

([10]) It-talba, il-punt 5.3.3.

3.2. **Valutazzjoni tal-kompetizzjoni**

3.2.1. *Definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti*

(17) Fid-Deċiżjoni preċedenti tagħha ([11]), il-Kummissjoni sabet li l-ġestjoni tal-kamra tal-ittri toffri lill-klijenti soluzzjoni għall-ipproċessar tal-posta fi ħdan organizzazzjoni. Skont id-domanda rilevanti, jiġu elaborati soluzzjonijiet imfassla apposta li jinkludu l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet individwali jew saħansitra l-ipproċessar sħiħ tal-posta.

(18) Fid-Deċiżjoni preċedenti tagħha ([12]), il-Kummissjoni sabet li s-suq għas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri jinkludi s-servizzi kollha li jipprovdu appoġġ fir-rigward tal-ipproċessar tal-posta interna fi ħdan kumpanija. Dawn il-proċessi interni ta' spiss jiġu esternalizzati lil partijiet terzi sabiex tiżdied l-effiċjenza, u dawk il-partijiet terzi ta' spiss jgħaqqduhom ma' attivitajiet addizzjonali sabiex jużaw il-kapaċità ta' persuni li jwettqu dik l-attività bl-aħjar mod possibbli. Din hija r-raġuni għaliex diversi servizzi tal-uffiċċji bħall-iskennjar, l-ikkupjar, u s-servizzi tat-telefown jiġu pprovduti flimkien mas-servizzi tal-ipproċessar tal-posta ([13]).

(19) Is-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri, skont din id-Deċiżjoni ([14]), jistgħu jiġu pprovduti fil-forma ta' kuntratti ta' lokazzjoni jew ta' servizz tal-persunal. Għalhekk is-suq jinkludi t-twettiq ta' attivitajiet fil-forma ta' kuntratti ta' servizz kif ukoll ta' lokazzjoni tal-persunal ([15]).

(20) F'konformità mal-prattika preċedenti tal-Kummissjoni u mal-applikazzjoni, is-suq rilevanti tal-prodott huwa s-suq għas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri li jinkludu s-servizzi kollha li jipprovdu appoġġ fir-rigward tal-ipproċessar tal-posta interna fi ħdan kumpanija ([16]).

3.2.2. *Definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti*

(21) L-applikant jissottometti li s-suq tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri għandu ambitu nazzjonali ([17]). Skont l-applikant, dan huwa dovut ukoll għall-fatt li s-servizzi postali li huwa relatat magħhom is-servizz ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri għandhom dimensjoni nazzjonali, skont il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni ([18]).

(22) Skont l-applikant, is-suq għas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri fl-Italja għandu ambitu nazzjonali min-natura stess tas-servizzi offruti u minħabba li huwa definit bħala tali fil-qafas legali rilevanti. Iż-żamma tad-dokumenti hija obbligatorja għall-awtoritajiet pubbliċi u l-proċeduri tal-offerti mnedija mill-awtoritajiet pubbliċi għall-għoti ta' servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri jridu jikkonformaw mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Għalhekk, fil-fehma tal-applikant, il-kundizzjonijiet kompetittivi jitqiesu li huma omoġenji fil-livell nazzjonali ([19]).

(23) F'deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni ([20]) fir-rigward tas-suq tal-konsenja għas-servizzi tal-istampar u tal-imballaġġ, meta ġġustifikat li s-suq rilevanti kellu ambitu nazzjonali, il-Kummissjoni rreferiet għall-kwistjoni ta' jekk dawk is-servizzi twettqux għal spedituri nazzjonali potenzjali jew effettivi bil-ħsieb li jiġu ottimizzati l-proċessi interni tagħhom u jitnaqqsu l-kostijiet tagħhom bħala kriterju. F'dan il-każ, l-applikant jindika li l-klijenti ewlenin ta' Poste Italiane huma impriżi li jinsabu fl-Italja u li għandhom l-intenzjoni li jottimizzaw il-proċessi interni ta' ġestjoni tal-posta tagħhom ([21]).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/184/UE tat-2 ta' April 2014 li teżenta ċertu servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (ĠU L 101, 4.4.2014, p. 4).

([12]) Ibid.

([13]) Ibid.

([14]) Ibid.

([15]) Ibid.

([16]) It-talba, il-punt 3.1.1.

([17]) It-talba, il-punt 3.2.

([18]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/184/UE, il-premessa 10.

([19]) It-talba, il-punt 3.2.

([20]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1195 tal-4 ta' Lulju 2016 li teżenta s-servizzi tal-kurriera u servizzi oħra għajr is-servizzi postali fil-Polonja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 197, 22.7.2016, p. 4).

([21]) It-talba, il-punt 3.2.

(24) Il-Kummissjoni taqbel mad-definizzjoni tas-suq ġeografiku proposta mill-applikant. Minħabba li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi ambitu usa' jew idjaq tas-suq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, l-ambitu tas-suq ġeografiku għas-servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta huwa wieħed nazzjonali.

3.2.3. *Analiżi tas-suq*

(25) Meta titqies id-definizzjoni tas-suq ta' hawn fuq (jiġifieri għas-servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri), li hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, skont it-talba ([22]), Poste Italiane kellha sehem mis-suq ta' [0-5] % fl-2019, ta' [0-5] % fl-2020 u ta' [0-5] % fl-2021 ([23]).

(26) Is-suq rilevanti huwa frammentat ħafna. Għadd kbir ta' impriżi huma attivi f'dan is-suq, u l-ebda waħda minnhom ma għandha sehem mis-suq ta' aktar minn 4 % ([24]). Dan ifisser li dawk l-impriżi jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq Poste Italiane.

(27) Għalhekk, il-fatturi elenkati fil-premessi 25 u 26 jenħtieġ li jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

(28) Skont l-applikant, il-kundizzjonijiet kompetittivi għal dan is-sett ta' servizzi huma omoġenji biżżejjed, u joħolqu suq fil-mira uniku fuq skala nazzjonali. Fil-fehma tal-applikant, il-kategoriji ta' prodotti u servizzi li jikkostitwixxu s-suq rilevanti għandhom jitqiesu bħala interkambjabbli għall-utenti fid-dawl tal-karatteristiċi, tal-prezzijiet u tal-għanijiet maħsuba tagħhom. Il-kategoriji ta' prodotti u servizzi jikkonċernaw id-dematerjalizzazzjoni. Dawk huma servizzi bbażati fuq attivitajiet ta' preparazzjoni, skennjar u dħul ta' *data* "b'attività intensa mwettqa mill-bniedem", arkivjar elettroniku u ħżin diġitali li jikkonċernaw servizzi li jinvolvu l-ħżin ta' dokumenti elettroniċi li jistgħu jiġu ppreżentati jew maħżuna bil-liġi, provvisti ta' hardware u software, servizzi ta' integrazzjoni tal-pjattaforma u tas-sistema, żamma ta' arkivji fiżiċi, li jikkonċernaw servizzi li jinvolvu t-teħid ta' responsabbiltà, it-trasport u l-ħżin ta' dokumenti u fajls stampati permezz tal-ġestjoni ta' ħwienet tal-karti ta' kumpaniji individwali jew gruppi li jappartjenu għall-istess settur ([25]).

(29) Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-applikant. Is-suq huwa kompetittiv, fis-sens li l-utenti u l-konsumaturi jistgħu jagħżlu bejn firxa ta' prodotti u servizzi b'karatteristiċi simili u l-fornitur ma jiltaqax ma' ostakli fil-provvista tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni f'dan is-suq. L-arkivjar fiżiku qiegħed jiġi sostitwit gradwalment mis-servizzi diġitali, li barra minn hekk, huma kkaratterizzati minn kostijiet ta' investiment saħansitra aktar baxxi, l-aktar minħabba li ma hemmx bżonn li jinkisbu ħażniet għall-arkivjar tad-dokumenti.

(30) L-użu tat-teknoloġiji diġitali mill-impriżi Taljani, mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-utenti b'mod ġenerali qed jikber b'mod kostanti. Id-diġitalizzazzjoni progressiva tas-servizzi tad-dokumenti żiedet l-għadd ta' dokumenti skambjati permezz tas-servizzi diġitali, inkluż is-servizz ta' ġestjoni tal-kamra tal-ittri ([26]).

(31) Meta wieħed iqis l-istruttura tas-suq u n-nuqqas ta' ostakli regolatorji għad-dħul jew l-obbligi ta' konformità mal-istandards tekniċi ta' kwalunkwe tip, il-Kummissjoni tinnota li jista' jkun hemm entrati ulterjuri minn parteċipanti ġodda. Is-suq jinkludi impriżi b'sehem ta' anqas minn 2 %, li huma attivi fis-suq u li ilhom joperaw fis-suq għal snin sħaħ u li jistgħu jibqgħu fis-suq u jkunu kompetittivi. Il-Kummissjoni tinnota li l-preżenza ta' għadd sostanzjali mdaqqas ta' operaturi tikkonferma n-nuqqas ta' ostakli sostanzjali għad-dħul fis-suq. Dawn il-fatturi, flimkien mas-sehem baxx mis-suq ta' Poste Italiane fis-suq jikkonfermaw li jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq Poste Italiane u li l-attività hija esposta direttament għall-kompetizzjoni.

4. **KONKLUŻJONI**

(32) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi 5 sa 31, il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala ssodisfata fl-Italja fir-rigward tal-attività relatata ma' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta.

([22]) It-talba, il-punt 5.2.2.
([23]) Is-sehem mis-suq għall-2021 huwa bbażat fuq stimi minn Poste Italiane.
([24]) It-talba, il-punt 5.2.3, it-tabella 4.
([25]) It-talba, il-punt 3.1.2.
([26]) It-talba, il-punt 3.1.2.

(33) Minħabba li l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li hija ssodisfata, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsuba biex l-attività msemmija fil-premessa 32 ta' din id-Deċiżjoni tkun tista' ssir fl-Italja, u lanqas meta jiġu organizzati kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(34) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u tad-dispożizzjonijiet f'oqsma oħrajn tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma humiex neċessarjament identiċi għal dawk użati sabiex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew l-Artikolu 102 tat-Trattat jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([27]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([28]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u li huma maħsuba sabiex jippermettu li l-attività relatata ma' servizzi ta' ġestjoni tas-servizz tal-posta titwettaq fl-Italja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni

([27]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([28]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG vs Il-Kummissjoni*, T-463/14, ECLI:EU:T:2016:243, il-punt 28. Ara wkoll id-Direttiva 2014/25/UE, il-premessa 44.